**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 18 ta' April, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 800/2007 AF**

**Estate Catering Houseware Enterprises Limited u fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex Malcolm Mifsud CPA gie nominat ikompli l-kawza bhala stralcjarju tas-socjetà attrici**

**vs**

**Sergio Manché**

**Sandra Manché**

**Anna Rapa**

**u b'digriet tas-17 ta' Awwissu 2007, l-Avukat Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Veronica Rossignaud gew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Nadia u Giacomo konjugi Palma**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attrici Estate Catering Houseware Limited li ġie ppreżentat fil-25 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Fid-dsatax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (19/05/1986) l-intimati dahlu f'"sole agency agreement" mas-socjetà esponenti li obbligat ruhha li tissupplixxi lill-intimati kwantità ta' "household goods" ghall-bejgh mill-hanut "Tabletop" li l-intimati kienu joperaw mix-"shopping outlet" sitwat 61, Triq Nofs in-Nhar, Valletta (ara Dok. "A" hawn unit).

Abbazi tal-istess ftehim is-socjetà esponenti ghamlet a spejjez taghha xogholijiet ta' ridekorazzjoni tal-hanut "Tabletop".

Ukoll skond l-istess ftehim is-socjetà esponenti bdiet tissupplixxi "on consignment" lill-intimati b'kwantità ta' "household goods" ta' certi ditti bhal Rowenta, Dimplex, Pifco, Ritter, Lagostina, Guzzini, Demby etc…, u l-intimati kellhom izommu record u kotba dwar is-sales taghhom.

Il-partijiet waqfu jinnegozjaw bejniethom b'bilanc ta' prezz favur is-socjetà esponenti ta' disa u ghoxrin elf, mitejn u sitta u sittin Lira Maltin u tnejn u tletin centezmi (Lm29,266.32c).

Is-socjetà esponenti interpellat inutilment lill-intimati biex jirrestitwixxu l-merkanzija konsenjata jew biex ihallsu prezzha.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà esponenti kienet in forza tal-ftehim tad-19 ta' Mejju 1986 (Dok. "A") tissupplixxi "on consigment" lill-intimati kwantità ta' "household goods" ta' certa ditti bhal Rowenta, Dimplex, Pifco, Ritter, Lagostina, Guzzini, Demby etc…

2. Tordna lill-intimati "in solidum" jirrestitwixxu l-merkanzija moghdija lilhom "on consigment" u fin-nuqqas tikkundannahom "in solidum" ihallsu prezzha fl-ammont ta' Lm29,266.32c.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-15 ta' Novembru 2006, tal-Mandat ta' Inibizzjoni u Bandu tal-kuraturi prezentati kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali mill-prezentata tal-prezenti Rikors Guramentat kontra l-intimati minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat id-digriet tagħha diversament presjeduta tas-17 ta' Awissu 2007 li permezz tiegħu hatret lill-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Nadia u Giacomo konjuġi Palma.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li ġiet ippreżentata fl-20 ta' Awwissu 2007 li permezz taghha eccepew illi:

L-ewwel talba tas-socjetà rikorrenti saret inutilment u ghalhekk l-ispejjez taghha ghandhom jibqghu a kariku tal-istess socjetà rikorrenti stante li ghalkemm sar il-ftehim bejn il-partijiet tad-19 ta' Mejju 1986 (Dok. A) dak il-ftehim intemm fid-19 ta' Mejju 2001 bla ma ggedded.

Fi tmiem il-ftehim ma kienx hemm pendenzi bejn il-partijiet.

Bla pregudizzju ghall-premess, it-tieni talba tas-socjetà rikorrenti hija preskritta a tenur tal-Art. 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-esponenti ma ghandhom ebda merkanzija xi jroddu lis-socjetà rikorrenti u lanqas ma huma debituri taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2007 l-abbli difensur tal-konvenuti ddikjara li r-risposta ġuramentata hija għan-nom tal-konvenuti kollha.

Rat li l-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mahtura mill-Qorti diversament presjeduta.
Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu l-merkanzija mgħoddija lilhom *on consignment* u fin-nuqqas tikkundannahom sabiex in solidum bejniethom iħallsu l-prezz ta' din il-merkanzija fl-ammont ta' LM29,266.32, illum €68,172.19.

Mill-provi prodotti jirriżulta li permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Mejju 1986, il-partijiet kienu ffirmaw *sole agency agreement* fejn is-soċjetà attriċi kienet obbligat ruħha li tissuplixxi lill-konvenuti kwantità ta' *household goods* għall-bejgħ mill-ħanut bl-isem *Tabletop*, ġestit mill-konvenut Sergio Manche. Dan il-ftehim kellu jkun validu għal ħmistax is-sena b'dan illi kellu jibqa' jiġġedded sena b'sena sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod ieħor u dan billi jagħtu wieħed lill-ieħor pre-avviż ta' tlett xhur.

Il-ftehim bejn il-partijiet kien illi l-konvenuti jbiegħu l-merkanzija li kienet tissuplixxi l-attriċi filwaqt illi l-attriċi titħallas mingħand il-konvenuti l-prezz tal-oġġetti mibjugħa '*at wholesale price*', b'dan illi l-oġġetti li ma jiġux mibjugħa jiġu ritornati lill-attriċi u l-prezz tagħhom jitnaqqas mill-'*consignment account*'. L-oġġetti mibjugħa kienu jiġu rimpjazzati b'oġġetti oħra għall-bejgħ u f'każ li dawn l-oġġetti ma setgħux aktar jiġu rimpjazzati, il-prezz tagħhom ukoll kien jitnaqqas mill-'*consignment account*.' Jirriżulta li waqt li kien għadu in vigore dan il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi *on consignment*, il-konvenut Sergio Manche ġie impjegat mis-soċjetà attriċi. F'dan il-perjodu huwa kien jaħdem bħala *salesman* u jdur il-ħwienet madwar Malta u Għawdex bil-merkanzija tas-soċjetà attriċi, filwaqt illi l-konvenuta Sandra

Manche u ċertu Anna Spiteri kienu jieħdu ħsieb il-ħanut *Tabletop*.

Jidher illi l-partijiet baqgħu jinnegozjaw bejniethom skont l-imsemmi ftehim sas-sena 1998 jew 1999 u ċioè sa meta Charles Grech, li qiegħed jidher f'din il-kawża għan-nom tal-attriċi, kellu xi disgwid ma ħuħ Joseph Grech li sa dak iż-żmien kien ukoll involut fis-soċjetà attriċi. Minħabba f'hekk, Charles Grech beda jinnegozja direttament mal-konvenut Sergio Manche. Dawn baqgħu jaħdmu flimkien sas-sena 2005 meta n-negozju ta' bejniethom waqaf għal kollox.

Charles Grech jinsisti li Sergio Manche dejjem irrikonoxxa d-dejn li kellu mas-soċjetà attriċi b'dan illi kien jgħidlu li m'għandux minn fejn iħallas. Da parti tiegħu, Sergio Manche, l-uniku wieħed mill-konvenuti li qatt xehed jew deher f'din il-kawża, jiċħad li għad hemm xi kontijiet pendenti jew merkanzija li qatt ma ġiet ritornata lis-soċjetà attriċi.

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jeċċepixxu li l-ewwel talba attriċi saret inutilment. Strettament, il-konvenuti għandhom raġun f'din l-eċċezzjoni in kwantu li dak li qiegħda titlob l-attriċi permezz tal-ewwel talba tagħha semmietu bħala premessa fir-rikors ġuramentat, u fis-sentenza tagħha l-Qorti tista' tagħti kull dikjarazzjoni li hi meħtieġa sabiex tasal għal deċiżjoni dwar it-talbiet tal-attriċi. Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi milqugħa.

Il-konvenuti jeċċepixxu wkoll illi t-tieni talba attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16. Dan l-artikolu jaqra hekk:

> "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(f) azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*"

Eċċezzjoni simili ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies and Catering Co. Ltd. tas-27 ta' Mejju 2005 fejn intqal hekk:

> *"Is-socjeta` konvenuta qed tilqa' ghat-talba attrici billi qed jigi eccepit, fost affarijiet ohra, li l-kreditu pretiz huwa preskritt bid-dekors ta' hames snin kif previst fl-artikolu 2156(f) tal-Kap 16. Il-paragrafu (f) ta' dan l-artikolu jirriferi, b'mod generali, ghal dawk l-azzjonijiet istitwiti "ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali …" Din il-Qorti ghalhekk trid tara jekk l-preskrizzjoni sollevata hijiex applikabbli ghal kaz sottoezami.*
>
> *Matul is-smigh tax-xhieda rrizulta b'mod car li t-trattativi ta' bejn il-partijiet kienu "on consignment basis". Dan jirrizulta mhux biss mix-xiehda ta' Simon Farrugia, skrivan mas-socjeta` attrici izda l-istess socjeta` konvenuta appellanti taccetta dan il-fatt kif jidher minn dak li jinghad fir-rikors ta' appell taghha. Infatti f'dan ir-rikors jinghad espressament hekk: "l-appellanta ma kinitx tixtri l-merkanzija minghand l-appellata, imma l-oggetti kienu jghaddu fil-pussess taghha, u hi kienet tbieghhom lil terzi. Kwalunkwe hlas ikun dovut mal-bejgh ta' l-oggett ikkonsenjat, mhux mal-konsenja."*
>
> *Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Kummerc (per W. Harding J.) f'sentenza tas-26 ta' April, 1951 fil-kawza fl-ismijiet "Avukat Dr George Vassallo noe v. Victor Caruana noe" "Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni." Dan ghaliex il-parti li tircevi l-mercja ma ssirx il-proprjetarja ta' dik merkanzija bhal ma jigri f'kaz ta' bejgh, izda ghandha biss minn natura ta' depozitarju bl-obbligu li, mal-bejgh ta' dik il-merkanzija lill-terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma dawk it-terzi, thallas lid-depozitant il-prezz originarjament konvenut ghal dik il-merkanzija hekk mibjugha.'*

*Il-parti li tircevi l-merkanzija "on consignment" hija ghalhekk il-kustodja ossia depozitarja ta' dik il-merkanzija u bhala tali ma tistax tippreskrivi favur taghha inkwantu dik il-parti tkun qed izzomm il-haga f'isem haddiehor . Tali persuna izda tista` tippreskrivi jekk it-titolu taghha jitbiddel "minhabba raguni li tkun gejja min terza persuna". Dan ifisser li kemm-il darba jsir il-bejgh tal-merkanzija "on consignment" il-parti li tkun irceviet l-merkanzija b'dan it-titolu tista` tissolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kemm-il darba jkun ghadda l-perjodu preskrittiv mehtieg bejn id-data tal-bejgh lill-terza persuna, li tkun allura holqot l-obbligu ta' hlas mil-"consignee" lill-principal. Isegwi li din l-eccezzjoni tista` biss tkun sollevabbli kemm-il darba ssir il-prova, mill-"consignee" li huwa ittrasferixxa l-merkanzija lill-terzi persuni. Izda, f'dawn il-proceduri, ma jirrizultax li din il-prova saret. Anzi, ghal kuntrarju, kif jidher fit-tielet eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, qed jinghad li "ma kien hemm l-ebda fornitura ta' merkanzija b'obbligu ta' hlas ..." Ghalhekk il-preskrizzjoni eccepita mhux relevanti. Daqstant mhux relevanti dak li nghad mis-socjeta` appellanti dwar il-'gurament decizorju' billi dan il-gurament jippresupponi sitwazzjoni fejn l-kreditu huwa preskrivibbli u, ghar-raguni fuq moghtija din il-prova ma saritx."*

Din il-Qorti tagħmel tagħha dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell. Fil-kawża tal-lum ma tressqet l-ebda prova mill-konvenuti li huma ttrasferew il-merkanzija in kwistjoni lil terzi persuni u allura, in kwantu li ma jirriżultax mill-atti tal-kawża meta nħoloq l-obbligu tal-ħlas lill-attriċi, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi meqjusa u wisq inqas milqugħa.

Il-Qorti tinnota illi fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-konvenuti jagħmlu riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Fibermar Co Ltd vs Christian Camilleri tat-12 ta' Ġunju 2009. F'din id-deċiżjoni, minkejja li l-Qorti tal-Appell ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, dan ma sarx abbażi ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell fil każ ta' Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies and Catering Co. Ltd. appena ċitat, imma għaliex sabet illi l-konvenut kien effettivament irrinunzja għall-preskrizzjoni. Madankollu, fil-

fehma ta' din il-Qorti, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri ma teskludix dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Superjuri dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni f'kawżi fejn l-ammont mitlub ikun abbażi ta' kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi *on consignment*, liema deċiżjoni qegħda tiġi segwita minn din il-Qorti. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, il-konvenuti jeċċepixxu biss illi fi tmiem il-ftehim ma kienx hemm pendenzi bejn il-partijiet u li huma m'għandhom l-ebda merkanzija xi jroddu lura lis-soċjetà attriċi u lanqas ma huma debituri tagħha.

Sabiex tissostanzja t-teżi tagħha, is-soċjetà attriċi ppreżentat dokument li Charles Grech, għan-nom tal-istess attriċi, spjega li huwa *statement* tal-*consignment account* tal-ħanut *Tabletop*, ġestit mill-konvenut Sergio Manche, minn fejn jirriżulta li fuq dan il-kont hemm bilanċ ta' LM29,266.32, illum €68,172.19 x'jitħallas għall-merkanzija li ssuplixxiet l-attriċi lill-konvenuti. Huwa ppreżenta wkoll elenku tal-merkanzija li qal illi l-attriċi ssuplixxiet lill-konvenuti kif ukoll fatturi li juru l-merkanzija li kienet timporta l-attriċi. Charles Grech spjega li dawn huma l-uniċi dokumenti li setgħet tippreżenta l-attriċi peress illi minkejja li fil-passat kellu fil-pussess tiegħu fatturi ffirmati mill-konvenuti, dawn u d-dokumenti kollha li kienu jirrigwardaw in-negozju bejn il-partijiet fil-kawża ntremew biż-żball.

Paul Galea, li għamel xi żmien jieħu ħsieb l-*accounts* tas-soċjetà attriċi spjega li jiftakar li kien hemm *consignment account* f'isem il-ħanut *Tabletop* ta' ftit aktar minn LM30,000. Huwa spjega li dan il-kont kien għall-kotba tal-kumpannija '*a working capital*' peress illi s-soċjetà attriċi kienet tirrimpjazza l-merkanzija li kien ibiegħ il-konvenut Sergio Manche u dan kien iħallas skont il-fatturi maħruġa mill-attriċi. Huwa jżid jgħid illi sakemm dam impjegat mas-soċjetà attriċi, il-bilanċ tal-imsemmi *consignment account* baqa' l-istess.

Xehed ukoll Emanuel Farrugia, l-*accountant* tal-konvenut Sergio Manche li da parti tiegħu spjega li qabel ġiet intavolata din il-kawża, huwa lanqas biss kien jaf bil-*consignment account* in kwistjoni. Hu kkonferma li kien jaf illi l-konvenut kellu xi

merkanzija li ma kinitx tiegħu għaliex kien ibiegħ *on consignment* u li allura l-merkanzija li kienet tissuplixxi l-attriċi kienet titħallas mill-konvenut biss meta kien isir bejgħ tagħha lil terzi mill-ħanut *Tabletop*. Ix-xhud spjega li wara li spiċċaw jinnegozjaw flimkien is-soċjetà attriċi u l-konvenut Manche, dan tal-aħħar kien infurmah li ma kienx għad baqalu merkanzija tal-attriċi. Huwa żied jgħid illi ma kellux informazzjoni dwar x'ħallas il-konvenut lill-attriċi.

L-awditur Peter Paul Darmanin spjega li huwa kien l-awditur tas-soċjetà attriċi. Huwa kkonferma li skont l-*audited accounts* tagħha, l-ammont ta' LM29,266.32 kien dovut lill-attriċi għall-merkanzija li ssuplixxiet *on consignment* lill-ħanut *Tabletop*, u skont l-istess *auditied accounts*, dan il-bilanċ qatt ma tħallas.

Da parti tiegħu, il-konvenut Sergio Manche kkonferma li l-ftehim bejn il-partijiet kien li huwa jħallas il-prezz tal-merkanzija li kienet tissuplixxi l-attriċi, imbagħad il-profitt jinqasam bejn il-partijiet. Huwa jinsisti li ħallas kull fattura maħruġa mis-soċjetà attriċi għall-merkanzija li kienet inbiegħet mill-ħanut, filwaqt illi kwalunkwe oġġett li ma nbiegħx kien irritornah lura lill-attriċi. Huwa qal illi ma kienx ħallas għall-ewwel konsenja ta' merkanzija li ssuplixxiet l-attriċi imma kien iħallas biss meta jsir bejgħ u l-merkanzija tiġi rimpjazzata. Huwa insista wkoll li maż-żmien, il-ftehim tad-19 ta' Mejju 1986 spiċċa peress illi d-*discontinued items* tħallsu, ix-xogħol li ma nbiegħx ġie ritornat lill-attriċi u ma kienx għad baqa' bilanċ x'jitħallas fuq il-*consignment account*. Il-konvenut spjega kif wara li spiċċa dan in-negozju bejn il-partijiet, huwa beda jinnegozja ma Charles Grech direttament. Għal darb'oħra, il-konvenut insista li wara li spiċċa n-negozju skont il-ftehim oriġinali, huwa kien irritorna l-merkanijza li baqgħet ma nbiegħetx u ħallas il-bilanċ pendenti. Madanakollu, huwa qal li m'għandu l-ebda rċevuta u addirittura l-ebda dokument ieħor x'juri sabiex jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu.

In linea ta' prinċipju ġenerali, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet Joseph Tonna vs Philip Azzopardi deċiża nhar it-12 t'April 2007 fejn ingħad illi:

*(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova ta' l-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu (<u>actori incumbit probatio</u>), sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta il-pretiża ta' l-attur (<u>reus in excipiendo fit actor</u>). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;*

*(2) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi ta' l-attur hija sostenuta" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);*

*(3) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-deċizjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bazi tad-domanda jew ta' l-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ipprovat;*

*(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utiliżżati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' revizjoni. Ara, b' ezempju, **Kollez. Vol. XXIV P I p 104**;'*

Fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet George Bugeja vs Joseph Meilaq tat-30 t' Ottubru 2003, din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet illi:

> *"Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti ghall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. Kif kompla jingħad fl-imsemmija kawza "Farrugia vs Farrugia", "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' "in dubio pro reo"*'.

Il-konflitt tal-provi huma xi ħaġa li l-Qrati jridu min dejjem ikunu lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilta' u partikolarment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex verżjoni teskludi lill-oħra, ukoll fuq bilanċ ta' probabiltajiet, u preponderanza tal-provi, għaliex dawn, f'kawżi ċivili huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Farrugia vs Farrugia, deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Novembru 1966).

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud, deċiża fit-12 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell Inferjuri irriteniet illi:

> *"Issa huwa minnu illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq min jallega fatt u mhux fuq min jinnegah. Dan jghidu espressament l-Artikolu 562 tal-Kap 12.*
>
> *Tajjeb f'dan l-istadju li jigi precizat illi l-principju tal-oneru tal-provi ma jfisserx illi d-dimostrazzjoni tal-fatti kostituttivi*

*tad-dritt pretiz trid tigi rikavata esklussivament minn provi offerti minn min huwa gravat b'dan l-oneru. Dan ghaliex dejjem jistghu jigu utilizzati elementi probatorji ohrajn akkwiziti fil-process, in kwantu fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju li r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod, anke indipendentement mill-inizzjattiva tal-parti, basta jikkonkorru flimkien u indistintament ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-verita` xejn ma hu eskluz, lanqas l-uzu ta' prova fornita minn parti li kapaci tforni elementi favorevoli lill-kontro-parti.*

*Konformement ma' dan il-kuncett hemm dak li l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-prova tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni attrici ma tiddispensax lill-attur mill-oneru li adegwatament jiddimostra l-legittimita` u l-fondatezza tal-meritu tal-pretensjoni tieghu.*

*Fil-kaz, imbaghad, li l-konvenut ma jikkuntentax ruhu bis-semplici kontestazzjoni generika tal-assunt tal-attur, u anzi jikkontrapponga difiza artikolata fuq fatti diversi minn dawk formanti l-bazi tad-domanda attrici, u dan tramite eccezzjoni sostanzjali, allura jinsorgi fih l-obbligu li hu wkoll igib il-quddiem prova dimostrattiva a sensu tal-Artikolu 562, s'intendi dejjem bil-konsegwenzjali relattiva f'kaz ta' prova insufficcjenti jew insodisfacenti*."

Huwa prinċipju paċifiku li l-piż tal-prova tal-pagament hu fuq id-debitur li jallegah. Prova din li hu jista' jagħmel b'kull mezz in kwantu li l-produzzjoni ta' rċevuta m'hijiex indispensabbli u jistgħu jinġiebu provi oħra konvinċenti (Ara f'dan is-sens id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet Avv. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli noe tas-26 ta' Jannar 1976).

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Carmelo Zammit vs Emanuele Galea et, deċiża fis-27 ta' Frar 2003 fejn intqal hekk:

*"Huwa generalment rikonoxxut li l-prova ta' pagament ta' debitu tista' tinghata mhux biss b'ircevuti li, b'certa finalita` jattestaw l-estinsjoni tal-obbligazzjoni, izda din il-prova tista' tingieb ukoll b'mezzi ohra. Fl-assenza ta' ricevuti, pero`, il-prova trid tkun tali li ma thalli ebda dubbju f'mohh il-gudikant partikolarment meta, bhal fil-kaz in ezami, l-kreditur originali ikun gie nieqes*."

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni l-aktar verosimili hija dik tas-soċjetà attriċi, in kwantu li din hija sostanzjata minn xhieda u dokumentazzjoni li għalkemm mhijiex dettaljata, hija verifikata minn awditur. Dan kollu jikkontrasta mal-verżjoni tal-konvenut, li għalkemm jisħaq li kien ħallas kollox u rritorna dik il-merkanzija li kien għad baqa', ma ressaq l-ebda prova in sostenn tat-teżi tiegħu. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-konvenut qatt ħallas għall-merkanzija oriġinali li kienet issuplixxiet l-attriċi u ma tistax ma tkunx imħassba dwar il-verżjoni tal-konvenut. Il-konvenut li jallega l-pagament, għandu l-obbligu li jipprovah u dan mhux biss b'dikjarazzjonijiet ġeneriċi u vagi li huwa m'għandux jagħti għaliex ħallas u/jew irritorna kollox.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba attriċi in kwantu li din saret bla bżonn, tilqa' t-tieni talba attriċi b'dan illi tordna lill-konvenuti sabiex fi żmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza jirrestitwixxu l-merkanzija mgħoddija lilhom *on consignment* u fin-nuqqas li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom, tikkundannahom sabiex in solidum bejniethom iħallsu lill-attriċi l-prezz tal-merkanzija fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u tnejn u sebgħin Ewro u dsatax il-ċenteżmu (€68,172.19), bl-imgħax mill-20 ta' Awissu 2007 u ċioè d-data tar-risposta ġuramentata tal-konvenuti.

Spejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti, b'dan illi s-soċjetà attriċi għandha tħallas l-ispejjez tal-ewwel talba tagħha in kwantu li din saret inutilment.

IMHALLEF

DEP/REG